# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**5/18**

**Il-Ħames (5) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużati:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (avża li mpenjat) |
| | Is-Sur Cleaven C Bugeja | - | Kunsillier (avża li xogħol) |
| **Assenti:** | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (ma avżax) |
| **Mistieden:** | Is-Sur Christopher Farrugia | - | Accountant |

***Aġenda:***

1. ***Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat 2/18, 3/18 u 4/18***
2. ***Approvazzjoni tax-Schedules of Payment***
3. ***Approvazzjoni tal-Financial Indicators Oct-Dec 2012***
4. ***Approvazzjoni tar-Rapport mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-Tender for Embellishment Works at Misraħ Santa Venera, Santa Venera SVLC T/01/13***
5. ***Kommunikazzjoni mis-Sindku***

Il-laqgħa bdiet fis-5.30 ta' filgħaxija.

**1 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat *2/18 (28-1-2013), 3/18(1-2-2013) u 4/18(7-2-2013)*.**

1.1 Is-Sindku, s-Sur Horace J Anastasi nforma lill-Kunsillieri preżenti li għal-laqgħat 2/18 tat-28 ta' Jannar 2013 u 3/18 tal-1 ta' Frar 2013 ma kienx hemm kworum. Allura l-laqgħa li kien imiss, il-laqgħa 4/18 li saret fis-7 ta' Frar 2013, kienet it-tielet laqgħa wara 2 laqgħat bla kworum u setgħet tinżamm bi 3 Kunsillieri. Il-minuti nqraw dak il-ħin peress lis-SE ma laħqitx tippreparhom qabel peress li kellha tgħin lill-Accountant is-Sur Chris Farrugia biex jilħaq jagħlaq il-*Financial Statements* fil-ħin stipulat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku spjega li kemm s-SE kif ukoll huwa kellhom jibqgħu sa tard bil-lejl l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jgħinu lill-Accountant il-ġdid peress li ma kienetx ingħatalu *handover* tad-dokumenti finanzjari kif ukoll, s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali. Hu kompla jgħid li dwar dan sar rapport lid-DGL.

1.2 Il-Minuti 4/18 tas-7 ta' Frar 2013, nqraw u ġew approvati *nem con.*

**2 *Schedules of Payment***

2.1 Is-Sindku ppreżenta x-*Schedule of Payment* 289 u x-*Schedule* tal-*Petty Cash (8/2/2013 – 22/2/2013).* Dawn ġew approvati mill-Kunsillieri preżenti *nem con.*

**3** ***Financial Indicators (Oct-Dec 2012)***

3.1 L-*Accountant* is-Sur Chris Farrugia ppreżenta il-*Financial Indicators*. Is-Sindku staqsa lill-*Accountant* biex jagħti spjegazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u biex jispjega il-*Financial Situation Indicator* ta' 99.01%. Is-Sur Farrugia qal lill-Kunsill Lokali għandu a *healthy balance* imma, jrid jikkonsidra li l-infiq li suppost sar is-sena li għaddiet (2012) fuq it-toroq, ġa ssir f'dawn ix-xhur li ġejjin. Żied jgħid lill-Kunsill, fil-bidu tas-sena 2012, kien alloka fondi li jirriflettu l'għaqal tal-Kunsill li warrab xi flus minħabba t-toroq u, li f'din is-sena (2013), in-nefqa se tkun akbar peress li jridu jitħallsu l-imsemmija toroq. Is-Sur Farrugia spjega li l-infiq huwa skont il-*budget* imma, hemm xi kontijiet bħal tad-dawl u l-ilma tal-Kunsill Lokali, tal-Ġonna Casa Leoni, inkluż Romeo Romano, u tat-Triq il-Parocca, tar-rawndebawt ta' Santa Venera u tal-latrina pubblika li mhumiex inklużi għax kienu għadhom ma ntbagħtux mill-ARMS. Is-Sindku ppropona biex jgħaddu l-*Financial Indicators* għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondah, u l-Kunsillieri preżenti qablu *nem con.*

**4** **Approvazzjoni tar-Rapport mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tender for Embellishment Works at Misrah Santa Venera, Santa Venera SVLC T/01/13***

4.1 Is-Sindku ppreżenta r-Rapport mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tender for Embellishment Works at Misrah Santa Venera, Santa Venera* bin-numru tat-*Tender SVLC T/01/13*. Il-Bord irrakkomanda li Schembri Barbros Group Ltd. li, kellhom l-aħjar prezzijiet kemm għall-*Option* 1 kif ukoll għall-*Option* 2. Is-Sindku ppropona li dan ir-rapport imur għall-vot. Is-Sindku, s-Sur Horace J. Anastasi, l-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa u l-Kunsillieri s-Sinj Mariella Micallef u s-Sur Charles Camilleri ivvutaw favur. Ir-Rapport tal-Bord tal Aġġudikazzjoni tat-*Tender for Embellishment Works at Misraħ Santa Venera, Santa Venera* bin-numru tat-*Tender SVLC T/01/13* għadda b'4 voti. Is-SE trid tagħmel ir-riżultat fuq in-*notice board* tal-Kunsill Lokali fi żmien 3 ijiem. Is-SE trid tibgħat il-*letter of acceptance* lill-Schembri Barbros, filwaqt li tibgħat ittra lit-tieni *bidder* biex tinfurmah li ma ntgħażilx.

**5** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 ***A Falzon Energy Projects Ltd***: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li peress li A Falzon Energy Projects Ltd ser iwaqqgħu l-blokka ta' bini tagħhom li tinsab bejn Triq il-Kanun u Triq il-Ħaddied. Is-Sindku u s-SE kellhom laqgħa mas-Sur Falzon fejn is-Sur Falzon offra €2000 għal-*Corporate Social Responsbility* għall-inkonvenjent li jista' joħloq sakemm iwaqqa' u jtella' dan il-bini f'Santa Venera. Il-Kunsillieri approvaw din id-donazzjoni għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għall-CSR.

5.2 ***Għeluq tal-Leġislatura***: Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillieri preżenti u lil dawk li ma setgħux jattendu għal din l-aħħar laqgħa tal-Kunsill iżda, ma setax jirrimarka l-istess għal min lanqas biss indenja ruħu jinfurma li ma kienx se jattendi. Irrimarka wkoll, għal xi Kunsillieri li poġġew impenji oħra qabel l-impenn li l-elettorat Vendrin eleġġihom għalih. Huwa rringrazzja lis-SE u lill-istaff kollu u l-Ħaddiema tal-ETC.

**6** Il-laqgħa intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Illum,